

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE, Euratom) 2016/2061

tat-23 ta' Novembru 2016

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/180/Euratom, KEE li tawtorizza lin-Netherlands biex ma tikkunsidrax ċerti kategoriji ta' tranżazzjonijiet u biex tuża ċerti stimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT

(notifikata bid-dokument C(2016) 7441)

(It-test bl-Olandiż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud ⁽¹⁾, u b'mod partikulari t-tieni inċiż tal-Artikolu 6(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 371 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ⁽²⁾, in-Netherlands tista', skont il-kondizzjonijiet li japplikaw f'dak l-Istat Membru fl-1 ta' Jannar 1978, tkompli teżenta t-tranżazzjonijiet elenkati fl-Anness X, Parti B; dawk it-tranżazzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati biex tkun determinata l-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT.
- (2) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/180/Euratom KEE ⁽³⁾, in-Netherlands għandha awtorizzazzjoni għall-użu ta' stimi approssimattivi għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-punt 13 tal-Anness X, Parti B tad-Direttiva 2006/112/KE.
- (3) Fl-ittra tas-7 ta' Diċembru 2015 ⁽⁴⁾, in-Netherlands talbet l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tagħha għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT tagħha għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-punt 13 tal-Anness X, il-Parti B tad-Direttiva 2006/112/KE, minħabba li m'għadhiex meħtieġa minħabba bidla fil-leġiżlazzjoni nazzjonali b'effett mill-1 ta' April 2012. L-awtorizzazzjoni għandha tiġi rritrata, kif mitlub min-Netherlands.
- (4) Huwa għalhekk xieraq li tkun emendata d-Deċiżjoni 90/180/Euratom, KEE skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fid-Deċiżjoni 90/180/Euratom, KEE, il-Punt 6 tal-Artikolu 2 huwa mħassar.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Netherlands.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2016.

Għall-Kummissjoni
Kristalina GEORGIEVA
Vċi President

⁽¹⁾ ĠUL 155, 7.6.1989, p. 9.

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/180/Euratom, KEE tat-23 ta' Marzu 1990 li tawtorizza lin-Netherlands biex ma tikkunsidrax ċerti kategoriji ta' tranżazzjonijiet u biex tuża ċerti stimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT (ĠU L 99, 19.4.1990, p. 30).

⁽⁴⁾ Ares(2015)5692366.